**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Jurgen Vella]**

**vs**

**Robert Dimech**

**Kumpilazzjoni Numru: 546/2013**

**Illum, 20 ta' Gunju, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Robert Dimech detentur tal-karta tal-identita` numru 440171M.

Akkuzat talli:

> Nhar is-17 ta' April 2013, ghall-habta ta' tmienja ta' filghaxija (20:00 hrs) gewwa divizjoni numru 13 fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, Rahal Gdid, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghed il-hajja tal-prigunier Clayton Fava f'periklu car, ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Clayton Fava mill-Belt Valletta, liema griehi gew iccertifikati bhala gravi minn Dr. J. Tonna tabib tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin;
>
> Aktar talli volontarjament kiser il-kwiet u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;
>
> Ukoll talli hedded jew ingurja lil Clayton Fava; u
>
> Talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija tiratta lill-hati ai termini tal-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta' Malta;

Rat ukoll it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija meta jidhrilha xieraq sabiex tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuna ta' Clayton Fava jew sabiex jinzamm il-buon ordni pubbliku, flimkien mal-piena, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nniffsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata minnha ai termini tal-Artikolu 383 et seq. tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li biha din il-kawza setghet tigi trattata minn din il-Qorti bi procedura sommarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza; u

Semghet ix-xhieda kollha u t-tattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tittratta fuq glieda bejn zewg irgiel fil-habs ta' Kordin bejn certu Clayton Fava u l-akkuzat Robert Dimech u fejn dan allegatament ikkagunalu griehi ta' natura gravi.

Illi fuq il-principju ta’ giehi intenzjonati il-**Professur Mamo** (Notes on Criminal Law, Vol II, pagna 226) jghid illi:

> ***«The principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible”.***

Qed issir ukoll referenza ghad-decizjoni **Il-Pulizija vs Jonathan Gatt** (Qorti tal-Magistrati (Malta), 9.07.2012) fejn gie kkonfermat dan il-punt u ntqal hekk:

> ***“Jinghad qabel xejn illi sabiex jissusti ir-reat ta’l-offiza volontarja, hi mehtieg l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Jekk l-intenzjoni ta’l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f’mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta’ l-ghemil tieghu.”***

Illi ghalhekk gie stabbilit illi biex l-imputat jinstab hati ta’ dawn l-akkuzi u cioe` offizi gravi volontarji jrid ikun hemm intenzjoni generali li twegga’ minghajr ma wiehed jidhol f’dibattiti jekk l-oggett finali kienx intenzjonat li jkun offizi gravi, gravissimi jew xort’ohra.

Illi mix-xhieda prodotti l-ebda wiehed mill-gwardjani tal-habs ma ra l-incident isehh. Li qalu kien illi il-vittma Clayton Fava kien nervuz hafna qabel ma sar l-incident tant li beda jghajjarhom. Dan jikkorrabora ma’ dak li qal l-imputat fl-istqarrija tieghu *a tempo vergine* u cioe` illi Clayton kien qieghed jaqbad ma’ kullhadd u dan ghaliex kien qed jiehu d-drogi fil-habs u b’hekk spicca bih bil-

konsegwenza li l-akkuzat tah daqqa ta' ponn u Clayton habat rasu mal-kancell.

Illi jirrizulta wkoll illi fil-mori tal-proceduri Clayton Fava permezz tax-xhieda tieghu bil-gurament iddikjara illi huwa hafer lill-imputat u xtaq jirtira dak hu irtirabbli.

Illi finalment semghet ix-xhieda tal-imputat Robert Dimech fejn ikkonferma dak li kien qal fl-istqarrija u rega' ikkonferma li Clayton Fava kien stiednu ghall-glied u beda jipprovokah qabel ma dan tah daqqa ta' ponn.

Rat ix-xhieda tat-tobba li ezaminaw lil Clayton Fava.

Rat ukoll ir-rapport tal-Probation Officer Matthew Fleri Soler bhala Social Enquiry Report fejn dan xehed illi l-imputat qabad it-triq it-tajba, waqaf mill-uzu tad-droga u kellu xoghol prospettiv.

Ikkunsidrat illi ghalkemm hemm l-element ta' provokazzjoni li certament jaghmel impatt fuq il-piena, pero` xorta wahda l-imputat ma kellux jaqa' ghal din il-provokazzjoni. Huwa kellu mill-ewwel jigbed l-attenzjoni tal-gwardjani tal-habs sabiex jigi evitat dan l-incident.

Izda tenut kont ta' kif gara l-incident li ma kienx hu li bdieh u tenut kont tax-xhieda tal-Probation Officer Matthew Fleri Soler, anke in vista tal-addebitu tar-recidiva li giet ppruvata permezz ta' sentenza a fol wiehed u erbghin (41) (Dok JV5) tal-process, din il-Qorti thoss li ghandha taghti l-beneficcju lill-imputat u ma taghtihx piena karcerarja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 33A, 49,50, 289, 214, 215, 216, 230 (c), 231 (1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat Robert Dimech hati tal-ewwel (1) u tar-raba' (4) akkuza kif dedotti kontrih, u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin filwaqt li tilliberah mit-tieni (2) u t-tielet (3) akkuz fuq nuqqas ta' provi. Il-Qorti tordna wkoll digriet that l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 li ghandu jifforma parti minn din is-sentenza.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imuptat, ir-riperkussjonjiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

______________________________

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**